

Partijiet

Rikorrenti: Frucona Košice a.s. (Košice, is-Slovakkja) (rappreżentanti: K. Lasok, QC, B. Hartnett, Barrister, O. Geiss, avukat, u J. Holmes, Barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 6261, tas-16 ta' Ottubru 2013, dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru SA.18211 (C 25/2005), indirizzata lir-Repubblika Slovakkja; u

— tordna lill-konvenuta tbat i-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tad-drittijiet tad-difiża.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi fil-premessa 83 tad-deċiżjoni kkontestata.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' fatt u żball ta' liġi meta kkonkludiet li kien ikun iktar vantaġġjuż għall-awtoritajiet fiskali Slovakkji li kieku bdew proċedura ta' insolvenza (premessi 88 sa 119 tad-deċiżjoni kkontestata).
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni żbaljat meta kkonkludiet li l-proċedura ta' eżekuzzjoni fiskali kienet twassal għal dħul ikbar minn dak li rriżulta mill-proċedura ta' arranġament.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Frar 2014 – TrekStor vs UASI – Scanlab (iDrive)

(Kawża T-105/14)

(2014/C 112/70)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: TrekStor Ltd (Hong-Kong, Hong-Kong) (rappreżentant: M. Alber, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Scanlab AG (Puchheim, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tirriforma d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-2 ta' Diċembru 2013 fil-Każ R 2330/2012-1, billi tawtorizza integralment ir-reġistrazzjoni tat-trade mark "iDrive", u tiċħad l-oppożizzjoni tal-persuna li qed tagħmel l-oppożizzjoni;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "iDrive" għal prodotti fil-klassi 9 (Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 267 573)

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Scanlab AG

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali nazzjonali "IDRIVE" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 42

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) flimkien mal-Artikolu 43(5) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Unitec Bio vs Il-Kunsill

(Kawża T-111/14)

(2014/C 112/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Unitec Bio SA (Buenos Aires, l-Arġentina) (rappreżentanti: J.-F. Bellis u R. Luff, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- Tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013, tad-19 ta' Novembru 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja (ĠU L 315, p. 2), sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrenti; u
- Tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega li l-istituzzjonijiet wettqu żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti billi kkonkludew li kien hemm distorsjoni tal-prezzijiet tal-fażola tas-soja u taż-żejt tas-soja li tiġġustifika l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Antidumping Bażiku ⁽¹⁾.
2. It-tieni motiv, li jallega li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Antidumping Bażiku, kif interpretat mill-istituzzjonijiet f'din il-kawża, ma jistax jiġi applikat għal importazzjonijiet minn membru tad-WTO peress li huwa inkonsistenti mal-Ftehim Antidumping tad-WTO.
3. It-tielet motiv, li jallega li l-evalwazzjoni tad-dannu tonqos milli tiegħu inkunsiderazzjoni fatturi li jħollu r-rabta kawżali bejn id-dannu allegat u l-importazzjonijiet li huma allegatament is-suġġett ta' dumping bi ksur tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament Antidumping Bażiku.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51)

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Molinos Río de la Plata vs Il-Kunsill

(Kawża T-112/14)

(2014/C 112/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż